MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 764/2003

**A .**

**vs.**

**B u b' digriet tad-19 ta' Settembru 2003 il-kunjom Falzon gie sostitwit ghal Borg.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Lulju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April 1988, u kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi anness bhala Dok. "A";

Illi l-kontendenti sseparaw bonarjament, permezz ta' kuntratt atti Nutar Peter Fleri Soler, datat tlieta ta' Awissu

tas-sena elfejn (03/09/2000), u kopja tal-kuntratt relattiv qed jigi anness bhala Dok. “B”;

Illi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essnezjali tal-hajja mizzewga *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Att dwar iz-Zwieg**;

Illi *inoltre* l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (d)** tal-istess **Att dwar iz-Zwieg**;

Illi ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ April 1988 huwa null u bla ebda effett bil-ligi;

Illi l-istess attur talab li din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghat-tenur tal-**artikolu 19 (1) (f) u (1) (d) tal-Att tal-1975 dwar iz-Zwieg ( Kap. 255)** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghar-ragunijiet l-ohra li jigu trattati waqt il-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa tibqa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fis-6 ta’ Awissu 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet hamsin (50) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat ir-rikors tal-attur A, datat 18 ta’ Settembru 2003, a fol. 20, fejn talab bir-rispett illi din il- Qorti joghgobha

tawtorizza l-korrezzjoni tal-isem ta’ B b’dan illi ghandu jigi jaqra’ BBorg kull fejn hu imnizzel fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi u l-kopji relattivi.

Rat id-digriet datat 19 ta’ Settembru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ordnat il-korrezzjoni rikjesta w ikkonfermat id-digriet tal-affidavit attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta BBorg datata 15 ta’ Ottubru 2003 fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi *in linea preliminari* hemm lok ghal korrezzjoni fic-citazzjoni attrici *stante* illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta’ April 1988;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti taqbel illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti ghandu jigi ddikjarat null izda mhux ghar-ragunijiet elenkati mill-attur;

3. Illi z-zwieg tal-kontendenti huwa null peress illi l-kunsens tal-attur inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

4. Illi *inoltre,* l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet esssenzjali tieghu;

5. Illi ghalhekk l-esponenti m’ ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ din il-kawza;

6. Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngjunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 24 u fol. 25 tal-process.

Rat in-nota tal-attur A, datata 28 ta’ Novembru 2003, a fol. 26, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu u ta’ ohtu Carmen Muscat.

Rat il-verbal datat 2 ta' Dicembru 2003, fejn il-Qorti estendit iz-zmien ghall-prezentata tal-affidavit attrici b' ghoxrin (20) gurnata u mill-bqija kkonfermat id-digriet taghha tas-6 ta' Awissu 2003. Il-Qorti nominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa seduta kull parti fil-mori tad-differiment ghall-konkluzjoni tal-provi.

Rat il-verbal datat 24 ta' Marzu 2004 fejn il-Qorti iddikjarat il-provi attrici maghluqa u tat tlettin (30) gurnata zmien lill-konvenuta biex tipprezenta l-affidavit taghha.

Rat in-nota tal-konvenuta BBorg, datata 20 ta' April 2004, a fol. 33, permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, ta' ommha Antonia Borg u ta' missierha Carmel sive Charles Borg.

Rat il-verbal datat 3 ta' Gunju 2004, fejn il-Qorti in vista tal-ewwel eccezzjoni ordnat l-korrezzjoni fl-att tac-citazzjoni attrici bin-numru 28 jigi sospiz bin-numru 29. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attur **A** tali affidavit gie prezentat premezz ta' nota datata 28 ta' Novembru 2003 u jinsab minn fol. 28 sa fol 30. Rat l-affidavit ta' oht l-attur **Carmen Muscat,** li gie prezentat permezz tal-istess nota u jinsab a fol. 27.

Rat l-affidavit tal-konvenuta **BBorg** li gie prezentat permezz nota datata 20 ta' April 2004 u jinsab minn fol. 36 sa fol. 39 tal-process. Rat ukoll l-affidavit ta' missier il-

konvenuta **Carmel sive Charles Borg** a fol. 34 u fol. 35 u omm il-konvenuta **Antonia Borg**.

**ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat fid-29 ta' April 1988 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (d) u (f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi *nonostante* li ma sartix opposizzjoni ghall-annullament ta' dan iz-zwieg *da parte* tal-konvenuta, xorta din il-Qorti ghandha tezamina jekk it-talba attrici hijiex legalment fondata, u dan ghaliex l-istatut taz-zwieg huwa l-bazi li fuqu hija mibnija s-socjeta' nostrali.

Illi **l-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1***)* *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

***(f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn l-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli*

*ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”*.

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita’ li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta’ gudizzju tikkonsisti f’zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*“la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita’ di giudizio e la maturita’ affettiva…. La maturita’ di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita’ affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita’ che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta’ e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi’ una mancanza di consenso libero (immaturita’ affettiva) e ponderato (immaturita’ di giudizio)”* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *“e necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’eta*

*prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi **l-artikolu 19(1) (f)** jipprovdi li:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt, specjalment il-kuntratt taz-zwieg.

Wiehed jista' jghid li z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu **"El Nuevo Derecho Matrimonial Canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali u cjoe' li :-

*"Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta' di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale."*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma ikunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju li dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta' nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta."* (***J.F.Castano*** – **Il Sacramento del Matrimonio**).

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi iz-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjtihom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u

trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju li l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi li biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed li jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni posittiva. Dan ifisser li l-persuna li tkun qed tghati il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha il-volonta' u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju li tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun li mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car li l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire <u>mediante il modo di comportarsi</u> del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi."* ***(O.Giacchi*** **– Il Consenso Matrimoniale Canonico).**

Illi dan is-subartikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 2000 (Cit. Nru. 1019/98RCP) u ghalhekk qed issir referenza ampja ghall-principji legali enunzjati fl-istess.

Illi *'noltre* f'sentenza fl-ismijiet **"Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella"** deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (Cit.Nru. 1822/01RCP), din il-Qorti stqarret is-segwenti u dan b'referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **"Theresa Taguri vs Avukat Christopher Cilia et. nomine"**:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa*

*direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perijodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) 1 t'Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP) fost ohrajn..

## (iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' April 1988 izda jidher car li bejn l-istess partijiet qatt ma' kien lanqas affjatament bejniethom, inqas u inqas impenn sabiex jigu rispettati l-elementi essenzjali taz-zwieg u sabiex josservaw l-obbligi naxxenti konsegwenti ghall-istess unjoni, b'dan li l-element bazilari ta' *consortium vitae* kien nieqes mir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Fil-fatt l-konvenuta tiddiskrivi r-relazzjoni taghhom bhala wahda ta' glied kontinwu bejniethom kemm qabel u kemm wara dan is-suppost zwieg, tant li tghid ukoll li l-istess attur kien wisq taht id-dominanza ta' ommu, u fil-fatt tghid li nghad anke lilha li jekk kienet ser tizzewgu kien bhal speci ser tizzeweg lil ommu wkoll. Minkejja dan hija tghid li xorta zzewget lill-attur, pero' ma hemm l-ebda gustifikazzjoni jew indikazzjoni, ghaliex meta' qed tghid dan kollu hija ghamlet dan.

Illi hawn wiehed jasal ghall-punt krucjali ta' din il-kawza, u dan ghaliex hija ma tghid xejn in partikolari dwar l-akkuza li saret lilha mill-attur, li kien il-kunsens taghha li kien simulat peress li hija ma' riditx ebda tfal mir-relazzjoni mieghu, u din skond l-attur esprimita ma' diversi membri

tal-familja taghha. Illi huwa car f'dan il-kuntest li l-istess konvenuta konxja ta' dan, tant li hija sejhet lill-attur immatur, anke wara li marret sabiex tiehu pariri dwar il-pass li kienet ser tiehu, li qabel iz-zwieg hija kienet iddecidiet li minkejja li ghal xi raguni, li ma hijiex cara fix-xhieda taghha, kienet accettat li ser tizzewweg lill-attur, pero' kienet iddecidiet li f'dawk ic-cirkostanzi ma' kienx ser ikollu wild minn mieghu.

Illi certament li l-istess konvenuta, setghat kellha r-ragunijiet taghha, u jista' jkun li dawn huma validissimi, pero' certament li din il-kundizzjoni tisnatura ghal kollox il-kunsens taghha taz-zwieg, ghaliex in effetti dak li ghamlet kienet li ssimulat il-kunsens taghha u eskludiet il-prokreazzjoni ta' l-ulied mir-relazzjoni taghha ma' l-attur. Din il-Qorti xorta thoss li la darba hija kellha dawn id-dubbji kollha fuq l-attur, jibqa' misteru ghaliex accettat li tizzewweg lill-attur, iktar u iktar meta hija hasset b'tant qawwa l-indhil ta' omm l-attur fir-relazzjonijiet taghhom. F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi madankollu din il-Qorti thoss li anke l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** peress li jidher car li l-istess attur qatt ma' kien kapaci la qabel u lanqas wara z-zwieg jiehu d-decizjonijiet huwa, izda ried l-ghajnuna ta' haddiehor, tant li jidher li ma' kienx ippreparat li verament jibni nuklewu ta' familja bejnu u martu biss – u b'dan ma hemm dubbju ta' xejn li indunat bih l-konvenuta, izda l-attur qatt ma' ghamel xejn sabiex jirranga din is-sitwazzjoni – b'mod li dan iz-zwieg kien biss wiehed ta' isem u xejn izjed proprju ghaliex hadd mill-partjiet qatt ma' wera' impenn serju ghall-istess.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma'

dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti huwa null u bla effett *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Att tal-1975 dwar iz-Zwieg ( Kap. 255)** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u *stante* li l-kunsens ta' l-attur kien ukoll vizzjat abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**;

BI-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------